28 ta' Gunju, 1957.

**Imhallfin; —**

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D
Onor. Dr W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Paolo Zammit *versus* Rosa Zammit

**Testment — Impunjazzjoni — Klawsola Komminatorja — Dekadenza — Legat ta' Haġa ta' Hadd Iehor — Nullità — Art. 733 u 735 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-legat ta' haġa ta' hadd iehor huwa null, hlief jekk ikun hemm dikjarat fit-testment li t-testatur kien jaf li l-haġa kienet ta' hadd iehor, u mhux tieghu; u din id-dikjarazzjoni tat-testatur, skond il-liġi taghna, hija essenzjali ghall-validità tal-legat. Mhix rikjesta ebda klawsola jew formola speċjali; u huwa wkoll indifferenti jekk it-testatur jiehu żball fl-identità tal-persuna tal-proprjetarju; imma hu dejjem mehtieġ li jkun hemm dik id-dikjarazzjoni.*

*L-istess dikjarazzjoni hija wkoll mehtieġa meta lit-testatur tikkompeti biss parti mill-haġa legata. F'dan il-każ il-legat jiswa ghal dik il-biċċa biss, jew ghall-jedd li t-testatur ikollu fuq il-haġa, kemm il-darba ma jkunx hemm fit-testment dikjarazzjoni fis-sens li hu kien jaf li l-haġa minnu legata ma kienetx tieghu kollha.*

*U mhux attendibbli r-riljev li l-validità tal-legat ghandha tiġi diskussa wara li ssir id-diviżjoni bejn il-konsorti l-ohra u t-testatur, biex hekk wiehed jara jekk eventwalment jiġix assenjat lit-testatur il-fond kollu. Dan ir-riljev huwa attendibbli biss fil-każ li t-testatur ikun jippossjedi in komun ma' terzi persuni mhux biss il-haġa legata, iżda kumpless ta' hwejjeġ, ossija patrimonju, u ntant jiddisponi minn haġa determinata mill-istess kumpless; u mhux fil-każ li t-testatur ikollu in komun ma' hadd iehor haġa wahda speċifika u determinata, u ntant jiddisponi b'legat minn dik il-haġa.*

*Il-klawsola komminatorja li tikkommina d-dekadenza tal-benefiċjarju mill-liberalitajiet lilu maghmula fit-testment jekk huwa b'xi mod jattakka l-istess testment, hija valida, sakemm ma tkunx kuntrarja ghall-liġi, jew ghall-ordni publiku, jew ghall-morali; imma dan ma jfissirx illi l-benefiċjarju jinkorri f'dik id-dekedenza jekk huwa jinsisti li legat ta' haġa ta' hadd iehor jiġi nterpretat mill-Qorti skond il-liġi. Dik*

*il-klawsola komminatorja ma għandhiex tiġi estiża b'mod tali li l-benefiċjarju jkollu jew joqgħod għat-testment bla diskussjoni xejn jew jinkorri fid-dekadenza; u bil-fatt li persuna benefikata bit-testment titlob interpretazzjoni ta' legat ta' ħaġa aljena, u tinvoka n-nullità tiegħu, dik il-persuna ma tiddekadix mill-liberalitajiet lilha mħollija bit-testment u fid-dekadenza komminata għal min jimpunja t-testment.*

Il-Qorti;

Rat iċ-ċitazzjoni ta' Paolo Zammit quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna bħala Qorti taċ-Ċivil, li biha, wara li ppremetta li fil-15 ta' Jannar 1948 miet intestat fil-Belt Vittoria Giuseppe Saliba, bin il-mejjet Francesco, u s-suċċessjoni tiegħu ġiet skond il-liġi devoluta nofs lill-oħtu Maria ġa mart Maurizio Saliba, u n-nofs l-ieħor liż-żewġ kontendenti, neputijiet tiegħu, "ex sorore" Angela mart Giovanni Zammit (dok. A); u li fid-9 ta' Diċembru 1949 mietet ukoll l-imsemmija Maria mart Maurizio Saliba b'żewġ testmenti, wieħed għand in-Nutar Dr. Antonio Galea fl-20 ta' Lulju 1947, u l-ieħor għand in-Nutar Francesco Refalo fis-27 ta' Ġunju 1948, li bihom, wara li ordnat xi legati, innominat lill-kontendenti, neputijiet tagħha, bħala werrieta universali tagħha (dok. B.C.D); u illi in segwitu mietu rispettivament fil-Belt Vittoria Giovanni u Angela ġa miżżewġin Zammit, ġenituri tal-kontendenti, li b'testment konġuntiv għand in-Nutar Dr. Antonio Galea tad-29 ta' Settembru 1941, wara li ordnaw xi legati, innominaw liż-żewġ uliedhom, il-kontendenti, bħala werrieta universali tagħhom (dok. E.F.G.); u li bit-testment fuq imsemmi tan-Nutar Dr. A. Galea tad-29 ta' Settembru 1941 it-testaturi konjuġi Zammit ikkomminaw id-dekadenza minn kwalunkwe benefiċċju derivanti mill-istess testment lil dawk fost uliedhom li bi kwalunkwe mod jittantaw jimpunjaw l-istess testment, u f'dan il-każ ħallew biss lilhom il-leġittima; u li l-attur, li jiddikjara li jrid jakkweta ruħu għad-dispożizzjonijiet kollha tal-imsemmi testment tal-ġenituri tiegħu, ma jridx jibqa' iżjed fi stat ta' komunjoni; talab, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet neċessarji u l-provvedimenti opportuni, u wara

li tingħata speċjalment id-dikjarazzjoni li l-klawsola penali ta' *dekadenza komminata mit-testaturi konjuġi Zammit fl*-art. 12 tal-imsemmi testment tagħhom għand in-Nutar Dr. A. Galea tad-29 ta' Settembru 1941, hija attendibbli, valida fil-liġi u effikaċi, b'mod tali li kull min fost il-kontendenti jimpunja bi kwalunkwe mod l-istess testment jiddekadi minn kwalunkwe benefiċċju lilu minnu derivanti, u jkun intitolat biss għall-leġittima, li tiġi ordnata:—

1. Il-likwidazzjoni u firmazzjoni tal-assijiet tal-imsemmijin Giuseppe Saliba u ta' oħtu Maria ġa mart Maurizio Saliba, u *jiġu dikjarati li jikkonsistu fil-beni li jiġu* pruvati fil-kors tal-kawża, billi l-istess beni jiġu diviżi f'żewġ partijiet u porzjonijiet ugwali; u jiġu assenjati waħda kull wieħed liż-żewġ kontendenti, mingħajr preġudizzju tal-prestazzjoni ta' dawk il-legati ordnati mill-istess Maria Saliba li mhumiex kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tal-ġenituri tal-kontendenti Giovanni u Angela Zammit;

2. Il-likwidazzjoni u firmazzjoni tant tal-beni akkwisti, kemm ukoll tal-beni komponenti l-assijiet partikulari, *tal-imsemmijin* Giovanni u Angela ġa konjuġi Zammit, u jiġu dikjarati li jikkonsistu fil-beni li jiġu pruvati fil-kors tal-kawża; billi dawn il-beni jiġu diviżi f'żewġ partijiet u porzjonijiet ugwali, li jiġu assenjati waħda kull wieħed liż-żewġ kontendenti bħala werrieta universali tal-ġenituri tagħhom, prevja l-prestazzjoni tal-legati ordnati mit-testaturi;

U dan fil-każ biss li l-konvenuta tiddikjara li takkweta ruħha inkondizzjonatament għad-dispożizzjonijiet kollha kontenuti fl-imsemmi testment għand in-Nutar Dr. A. Galea tad-29 ta' Settembru 1941; u fil-każ, mbgħad, li l-konvenuta tiddikjara li trid timpunja l-imsemmi testment tal-ġenituri tagħha, jew xi dispożizzjoni minnu, f'lok id-diviżjoni fuq imsemmija, tiġi ordnata s-segregazzjoni tal-leġittima li tmiss lill-istess konvenuta skond il-likwidazzjoni mill-beni li jirriżultaw jikkomponu l-assijiet tal-ġenituri tagħha, u l-istess leġittima tiġi assenjata lill-konvenuta Rosa Zammit;

Billi għall-finijiet premessi jiġu nominati parit biex jagħmel l-istimi okkorrenti, nutar biex jirċievi l-att meħ-

tiegħ, u kuratur biex jirrappreżenta l-kontumaċi fuq l-istess att. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittri uffiċjali tas-6 ta' Gunju u tas-16 ta' Awissu 1955;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, li biha ssottomettiet li hija toqgħod għat-testment tal-ġenituri tagħha, fil-waqt li tirrileva li l-istess testment għandu jiġi nterpretat skond il-liġi, u li għalhekk il-legat tal-ħanut nru. 170A. Triq il-Għajn għandu, skond il-liġi, jikkomprendi biss il-kwota tat-testaturi. Hija qalet ukoll li hija mhijiex opposta għad-diviżjoni mitluba; biss ma taqbelx mal-attur dwar il-konsistenza tal-assijiet in kwistjoni. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-14 ta' Novembru 1956, li biha ddeċidiet billi ddikjarat li l-prelegat ordnat minn Giovanni u Angela ġa miżżewġin Zammit fl-art. 6 tat-testment tagħhom "unica charta" in atti Nutar Dr. Antonio Galea tad-29 ta' Settembru 1941, relattiv għall-fond nru. 170A. Triq il-Għajn, Victorja, Għawdex, huwa validu biss għal dik il-kwota indiviża li t-testaturi, jew il-wieħed jew l-oħra minnhom, għandhom mill-istess fond; u ddikjarat ukoll li l-konvenuta Rosa Zammit, meta fl-eċċezzjonijiet tagħha nsistiet li l-istess dispożizzjoni testamentarja jkollha effett biss skond il-liġi, ma nkorrietx fid-dekadenza komminata fl-art. 12 tal-istess testment fuq imsemmi; u rriżervat l-ispejjeż għall-ġudizzju finali; wara li kkunsidrat;

Illi fis-sitt artikolu tat-testment tagħhom "unica charta", publikat minn Nutar Dr. Antonio Galea fid-29 ta' Settembru 1941 (dok. G), Giovanni u Angela ġa miżżewġin Zammit, ġenituri tal-kontendenti, iddisponew testwalment: — "It-testaturi jħallu b'titolu ta' prelegat u in pjena proprjetà lill-imsemmi binhom Paolo Zammit..... (c) il-ħanut, bl-affarijiet mobili u għodod eżistenti ġo fih, li qiegħed fl-istess Strada Fontana numru 170A., Vittorja, Gozo". "Ex admissis", dan il-fond ma kienx jappartjeni lill-kontestaturi fl-intertezza tiegħu, la dak inhar li għamlu l-imsemmi testment u lanqas fl-epoka tal-mewt rispettiva tagħhom; iżda kellhom minnu parti ndiviża biss;

Illi fl-imsemmi testment l-imsemmija konjuġi Zammit ma ddikjarawx li kienu jafu li l-fond minnhom imħolli bħala prelegat lill-binhom kien ta' proprjetà komuni tagħhom u ta' terzi persuni;

Illi l-art. 733 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li l-legat ta' ħaġa ta' ħadd ieħor huwa null, ħlief jekk ikun hemm dikjarat fit-testment li t-testatur kien jaf li l-ħaġa kienet ta' ħadd ieħor u mhux tiegħu. Din id-dispożizzjoni tal-liġi tagħna hija simili għal dik tal-Kodiċi Taljan, art. 837, iżda hija diversa mill-art. 1021 tal-Kodiċi Franċiż, li jikkonsagrra espressament l-assoluta nullità tal-legat ta' "cosa altrui";

Il-liġi tagħna, u dawk kontinentali li jsegwu l-istess sistema, huma rispekkjati fuq id-Dritt Ruman, b'differenza mportanti kwantu għall-prova tax-xjenza fit-testatur li l-ħaġa legata hija ta' ħadd ieħor; u kif jgħid id-Digesto Italiano (Successioni Testamentarie, par. 563), "il Diritto Romano lasciava all'interessato ampia facoltà di stabilire siffatta circostanza con ogni mezzo a cui avesse creduto di far ricorso; il che nella pratica dava facilmente luogo al pericolo di arbitrii, di abusi e di frodi". Kien appuntu biex jiġu evitati litigazzjonijiet diffiċli li l-leġislatur jeżiġi li din il-konoxxenza tkun espressa fl-istess testment; u barra minn dan, kif jesprimi ruħu r-Ricci (Corso Teorico-Pratico di Diritto Civile, Vol. III, p. 809, para. 359), "poichè ove egli ignori che non sia sua, vi è forte ragione a dubitare se, conoscendo il vero stato delle cose, avrebbe avuto la stessa intenzione, quella cioè di fare lo stesso legato";

Illi mill-premess jidher li skond il-liġi tagħna hija kondizzjoni essenzjali għall-validità tal-legat ta' ħaġa ta' ħadd ieħor id-dikjarazzjoni mit-testatur innifsu fit-testment tal-appartenenza tal-ħaġa lil ħadd ieħor. Mhix rikjesta ebda klawsola jew formola speċjali. U huwa wkoll indifferenti jekk it-testatur jieħu żball fl-identità tal-proprjetarju (ara Digesto Italiano, loc. ċit., para. 564); però huwa meħtieġ li jkun hemm dejjem din id-dikjarazzjoni — dak li, kif fuq espost, fil-każ preżenti ma jikkonkorrix;

Illi l-istess dikjarazzjoni, relattiva għall-proprjetà ta' ħadd ieħor, hija wkoll neċessarja meta, bħal fil-każ pre-

żenti, lit-testatur tikkompeti biss parti mill-ħaġa legata. Infatti, l-art. 735 tal-Kodiċi Ċivili jgħid li, jekk it-testatur ikollu biċċa mill-ħaġa mħollija legat, jew jedd fuq il-ħaġa, il-legat jiswa biss għal dik il-biċċa jew għal dak il-jedd, kemm il-darba ma jkunx hemm dikjarat fit-testment li t-testatur kien jaf li l-ħaġa ma kienetx tiegħu kollha. Kważi identika hija l-lokuzzjoni tal-art. 839 tal-Kodiċi Ċivili Taljan, li fuqha r-Ricci jikkommenta kjarament hekk: — "La cosa legata può spettare al testatore in comunione con altra o più persone; in questo caso, il legato è sempre valido per la parte che sulla cosa comune spetta al testatore; e quanto alle altre parti spettanti agli altri condomini, il legato è valido od invalido secondo che dal testamento risulti o no che il testatore conosceva spettare non solo a lui, ma ad altri eziandio la cosa legata" (ibid., para. 361);

Illi l-attur irrileva li l-validità tal-legat in diskussjoni għandha tiġi riżoluta wara li ssir id-diviżjoni bejn il-konsorti l-oħra u t-testatriċi Angela Zammit, li kellha kwota ndiviża mill-fond legat, biex hekk wieħed jara jekk eventwalment jiġix assenjat lill-istess attriċi l-fond kollu;

Illi dan ir-riljev huwa attendibbli biss fil-każ prospettat mir-Ricci, ta' testatur li jippossjedi in komunjoni ma' terzi mhux biss il-ħaġa legata, iżda "un complesso di cose, un patrimonio", u ntant jiddisponi minn ħaġa determinata mill-istess kumpless. "La cosa che fa parte di un patrimonio comune non è nè esclusivamente propria, nè esclusivamente di altri; laonde il legato della medesima non può riguardarsi, sin dal momento in cui lo si fa, come legato di cosa propria, per la cui efficacia conviene, a nostra avviso, attendere l' esito della divisione" (loc. ċit. para. 361, paġ. 814-815);

Kif intqal, l-imsemmi awtur qiegħed jipprevedi l-każ ta' testatur li flimkien ma' persuni oħra jkollhom kumpless ta' ħwejjeġ lilhom appartenenti indiviżament; mentri fil-każ tagħna si tratta ta' ħaġa waħda speċifika u determinata. U tabilħaqq, l-attur, li fuq dan il-punt ma tantx insista, lanqas biss ma allega din il-komunanza ta' patrimonju. Barra minn dan, id-dispożizzjoni tal-art. 735 hija

biżżejjed ċara biex tirċievi applikazzjoni f'kull każ fejn tirrikorri l-komproprjetà fit-testaturi u f'oħrajn tal-ħaġa oġġett tal-legat. F'dan is-sens ukoll dejjem iddeċidew il-Qrati Tagħna: — "Se al testatore appartiene una parte della cosa legata, ossia un diritto sulla medesima, il legato è valido soltanto relativamente a questa parte od a questo diritto, quando non sia nel testamento espresso che il testatore sapeva che la cosa non era sua per intero" (Qorti ta' Għawdex, "Vella utrinque", 15.11.1890; P.A. "Cassar vs. Chapelle", 3.1.1880, Vol. VII, 126). "Ciascun testatore si presume avere disposto dei beni propri, e non degli *alieni*... ........... e le disposizioni di coloro che posseggono beni in comune si restringono a quei che appartengono al testatore, sebbene questi avesse fatto uso di espressioni importanti la totalita dei beni" ("Thompson vs. Galea", P.A. 7 ta' Mejju 1892, Vol. XIII, 534). "Di diritto comune, giusta opinione più abbracciata, se il testatore, avendo una quota indivisa di una cosa, lasci in legato la cosa medesima, senza indicazione di tale quota, si presume che egli abbia legato la sua solamente" (P.A. "*Apap Testaferrata vs. Manduca*", 7 ta' Diċembru 1901, Vol. XVIII-II-77). U fin-Noti tal-Imħallef Dr. Paolo Debono jingħad: — "Chi dispone di una cosa comune 'pro indiviso' fra lui e un'altra persona, non è riputato averne disposto che per la sua parte, sebbene dicesse: il mio fondo, la mia casa";

Illi fl-art. 12 tal-imsemmi testment il-miżżewġin Zammit qalu li "jekk xi ħadd minn uliedhom jittanta jimpunja b'xi mezz jew ieħor il-preżenti testment, huwa jiddekadi mill-liberalitajiet *lilu mħollijin bil-preżenti testment*, u f'dan il-każ inħallulu biss il-leġittima skond il-liġi";

Illi ma hemmx dubju li l-axxendent li jkun iddispona favur id-dixxendent jista' effikaċement iżid il-klawsola tar-riduzzjoni għall-kwota tal-leġittima fil-każ li dan jimpunja t-testment; salv dejjem li l-istess riduzzjoni ma tkunx tiddependi minn xi kondizzjoni kuntrarja għall-liġi, għall-kostumi tajba, jew għall-ordni publiku;

Illi testment magħmul minn persuna mentalment in*kapaċi huwa null; iżda, b'dan kollu, jibqa' jeżisti* materjal-

ment u jissussisti sakemm ma tkunx ġiet dikjarata n-nullità li taffettah. Dik in-nullità, però, mhix ta' ordni publiku, imma ta' interess privat; u għalhekk tista' tiġi sanata bir-ratifika espressa jew taċita (App. "Delicata vs. Doublesin", 25 ta' Ġunju 1951, Vol. XXXV-I-129). Din it-teorija tiswa, kif tajjeb issottometta l-attur, dwar in-nullità tal-legat "di cosa aliena" preskritta mill-liġi fin-nuqqas ta' dikjarazzjoni da parti tat-testatur tax-xjenza li l-ħaġa ma kienetx tiegħu. Din in-nullità hija relattiva, u lanqas ma hi "di ordine pubblico"; u kwindi tista' tiġi ratifikata bl-eżekuzzjoni volontarja tal-persuna nteressata;

Illi l-klawsola fuq imsemmija apposta fit-testment in eżami hija valida, peress li ma tidherx li hija kuntrarja għal xi dispożizzjoni legali, u lanqas kontra l-moriġeratezza jew il-kostumi tajba. Il-punt, però, huwa ferm divers, u ċjoè jekk il-fatt li l-konvenuta qegħdha tinsisti li jiġi nterpretat skond il-liġi l-legat "de quo" jimpurtax impunjazzjoni tat-testment tal-ġenituri tagħha; fi kliem ieħor, jekk bl-aġir tagħha hija nkorrietx fil-klawsola penali komminata f'dak it-testment, u jekk, biex teħles minn din id-dekadenza, hijiex obligata tirrikonoxxi l-validità tal-legat kwantu għall-oġġett tiegħu nterament u tagħtieh eżekuzzjoni;

Illi huwa elementari li min jaċċetta eredità testata huwa obligat jirrispetta d-dispożizzjonijiet kollha kontenuti fit-testment (App. "Portelli utrinque", 14 ta' Frar, 1941, Vol. XXXI-I-8); liema rispett, però, ma jiġix nieqes meta wieħed jeżiġi li tiġi nterpretata l-intenzjoni leġittima tat-testatur, li hija l-liġi li tirregolaha (App. "Micallef vs. Zammit" et.", 12 ta' Novembru 1951, Vol. XXXV-I-190). Jekk min jista' jibbenefika minn legat għandu nteress li jaġixxi biex tiġi nterpretata mill-Qorti d-dispożizzjoni testamentarja kontenenti dak il-legat (P.A. "Axiak vs. Dr. Mizzi ne., 31 ta' Ottubru 1952, Vol. XXXVI-II-532), kemm akbar huwa l-interess f'min għandu jippresta l-legat?

Illi, kif għallmet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża "Pace vs. Rossi", deċiża fl-14 ta' Novembru 1892 (Vol. VI 317): — "Il sensn di tale clausola si deve restringere, anzi

circoscrivere, ai soli casi di liti evidentemente temerarie ed ingiuste, come insegnano i dottori, e specialmente Voet, il quale così si esprime — "non videantur venire contra voluntatem defuncti qui vel de voluntate ipsa dubitant vel de validitate eius" (Ad Pand. Lib. XXIV, Tit. VI, n. 3);

Ta min isemmi l-kawża "Attard vs. Stivala", maqtugħa fit-18 ta' Ġunju 1938 (Vol. XXX-II-150-153), fejn l-attriċi ċaħdet id-dejn imsemmi fit-testment u li d-decujus obligaha tikkonferixxi; u b'dan kollu ġie dikjarat fis-sentenza li hija ma ddekadietx mill-wirt, non ostanti li d-decujus kienet imponiet id-dekadenza. F'din l-aħħar sentenza hemm riferenza għall-Borsari, li jikteb: — "Chiunque ha non solo la facoltà, ma eziandio il dovere, in caso di contestazione, di ricorrere alla giustizia onde far determinare i propri diritti ed ottenere ciò che legittimamente gli appartiene; ed una tale facoltà, esercitata in buone fede, non potrebbe mai divenire il soggetto di biasimo o di una pena qualsiasi";

Illi l-fattispeċje tal-każ preżenti huwa analogu għal dak "Nicosia vs. Barbara", Prim'Awla 16 ta' Diċembru 1872, Vol. VI, 344. Il-konvenut kien eċċepixxa li, billi l-attriċi kienet waħda mill-eredi, ma kienx lilha jikkompeti d-dritt li taċċetta in parti t-testment tal-awtur tagħha fejn kien favorevoli għaliha, u in parti timpunjah, u li kwindi l-attriċi, li kienet aċċettat l-eredità, ma setgħetx timpunja l-volontà tad-decujus. Però il-Qorti affermat li "avendo il detto testatore disposto del menzionato fondo come assoluta proprietà, vi è luogo a ritenere che, quando egli per caso avesse saputo che tale fondo non fosse suo, ma di altri, non avrebbe disposto del medesimo — 'forsitan enim si scivisset alienam rem esse non legasset'. Adunque l-attrice, facendo istanza che la menzionata disposizione sia dichiarata nulla e di nessun effetto, eseguisce ciò che il medesimo testatore avrebbe per avventura fatto, se dopo fatta quella disposizione fosse venuto in cognizione che il fondo suddetto non fosse suo, ma di altri. Adunque l'attrice, anzi che impugnare e contraddire il fatto del suo autore, seconda ad eseguisce la volontà del medesimo testatore";

Illi l-ġurisprudenza estera wkoll esprimiet opinjoni konformi:— "Il divieto fatto nel testamento al legatario di recar molestia all'erede sotto pena di decadenza, non implica il divieto di proporre contro l'erede domande che siano per loro natura ragionevoli, e che, avendo fondamento nella legge, costituiscono l'esercizio di un legittimo diritto" (Fadda, Giurisprudenza sul Codice Civile, Vol. VI comm. art. 849, para. 195);

Illi, fl-aħħarnett, kif jista' jiġi deżunt mill-motivazzjoni tas-sentenza fuq riferita "Delicata vs. Doublesin", l-impunjazzjoni hemm lokha minħabba nfermità mentali, jew kapitazzjoni, jew xi inkapaċità legali oħra tat-testatur, oltre, naturalment, il-vizzji tal-forma jew il-limiti mposti mill-liġi għall-latitudni tad-disponent;

Illi kwindi għandu jingħad li l-attriċi mhix qegħedha timpunja t-testment, iżda biss qegħedha titlob interpretazzjoni ġudizzjarja tiegħu — żewġ ordnijiet ta' ideat għall-kollox distinti, tant mill-punt legali kemm loġiku;

Rat, fol. 41, in-nota tal-appell tal-attur, u fol. 45 il-petizzjoni li biha appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata, billi jiġi deċiż, fit-termini taċ-ċitazzjoni, illi l-klawsola penali tad-dekadenza komminata mit-testaturi konjuġi Zammit fit-testment tagħhom hija attendibbli u valida fil-liġi, b'mod tali li, jekk il-konvenuta timpunja bi kwalunkwe mod l-istess testment, hija tiddekadi minn kwalunkwe benefiċċju lilha minnu derivanti, u tkun, f'każ simili, intitolata biss għall-leġittima; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Bil-verbal fol. 25 il-kontendenti qablu li "il-Qorti tagħti deċiżjoni preliminari fuq l-interpretazzjoni u validità tal-legat tal-ħanut no. 170A, Triq Fontana, Victoria, ordnat fit-testment "unica charta" tad-decujus tad-29 ta' Settembru 1941, u dan peress li l-fond ma kienx jappartjeni interament lit-testatriċi";

Fin-nota tal-attur fol. 27 il-kwistjoni sottomessa għad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, ġiet "allargata", inkwantokkè ġiet sollevata anki l-kwistjoni (fol. 28) jekk il-konvenuta setgħetx, stante l-klawsola tad-dekadenza kontenuta fit-

testment, timpunja l-legat bla ma tinkorri f'dik id-dekadenza, u jekk għalhekk, fin-nuqqas ta' kontestazzjoni tiegħu, il-legat setgħax jakkwista effikaċja;

Evidentement kienet din il-kwistjoni, kif kontenuta fil-verbal u amplifikata bin-nota, li baqgħet għad-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti, li appuntu, fis-sentenza issa impunjata, id-dikjarat li l-prelegat kien validu biss għall-kwota indiviża posseduta mit-testaturi, jew wieħed minnhom, u ddikjarat ukoll li, meta l-konvenuta fil-kontestazzjoni tagħha nsistiet li dak il-prelegat ikollu biss effett limitat skond il-liġi, b'daqshekk hi ma nkorrietċ fid-dekadenza komminata fit-testment;

Ikkunsidrat;

Fis-sitt artikolu tat-testment tagħhom (kopja dok. G fol. 15), it-testaturi konjuġi Zammit ħallew lill-attur bħala prelegat u in pjena proprjetà l-ħanut bl-affarijiet mobili u għodod eżistenti ġewwa fiħ, li qiegħed fi Strada Fontana numru 170A, Vittorja, Gozo;

Hu paċifiku bejn il-kollitiganti li dan il-ħanut ma kienx jappartjeni kollu lit-testaturi, jew aħjar lit-testatriċi Angela Zammit, li minnu kellha biss kwota ndiviża;

Fit-testment ma hemm ebda dikjarazzjoni li t-testaturi kienu jafu li minn dak il-ħanut kellhom biss kwota;

Fl-art. 12, mbgħad, ta' dak it-testment (fol. 20 tergo) jingħad hekk:— "It-testaturi jridu li, jekk xi ħadd mill-istess uliedhom jittanta jimpunja b'xi mezz jew ieħor il-preżenti testment, huwa jiddekadi mill-liberalitajiet lilu mħollija fil-preżenti testment, u f'dal-każ iħallulu biss il-leġittima skond il-liġi";

L-artikoli tal-Liġi Maltija dwar legat ta' ħaġa li ma tkunx proprjetà tat-testatur, "in toto" jew in parti, huma dawk numri 733 u 735 Kap. 23 Ediz. Riv., li jissanzjonaw in-nullità "in toto" jew il-validità limitatament għall-parti posseduta (skond il-każ), meta ma hemmx dikjarazzjoni fit-testment li t-testatur kien jaf li l-ħaġa legata ma kienetx tiegħu (jew, skond il-każ, li ma kienetx tiegħu kollha). Fit-test ta' qabel, Taljan, dawn l-artikoli kienu fl-Ordinanza VII tal-1868 numerati 394 u 396. Dawn iż-żewġ artikoli

(salvi xi differenzi verbali mhux ta' importanza) huma bħall-artikoli 837 u 839 tal-Kodiċi Taljan, ċjoè ta' dak qabel il-Kodiċi Ċivili Taljan ġdid tal-1939, fejn l-artikoli dwar dan is-suġġett huma dawk numri 196 u 197, li ntroduċew il-kambjament importanti li d-dikjarazzjoni tat-testatur fuq imsemmija tista' tkun, mhux biss fit-testment, imma anki "da altra dichiarazione scritta del testatore". Salva din id-differenza, fil-bqija s-sustanza hi bħal fil-Kodiċi ta' qabel. Id-dispożizzjoni tal-Kodiċi Franċiżi hi diversa; u għap-propożitu tal-iżvilupp storiku ta' dawn id-dispożizzjonijiet hi utili, anki sabiex wieħed jara liema dottrina u ġurisprudenza tista' tiġi segwita, iċ-ċitazzjoni ta' dak li jgħid għap-propożitu l-Pacifici Mazzoni, Cod. Civ. Comm., Vol. XI, paġ. 45, para. 18: —

"Questa disposizione è il risultato del principio romano sulla medesima materia, e dei motivi del principio contrario scritto nel Codice Napoleonico. Ed ecco come. Id-diritto romano (cosa notissima) dichiara valido il legato della cosa altrui, ove il legatario avesse provato che il testatore sapeva spettare ad altri la cosa che legava; questa regola fondasi sulla interpretazione di volontà del testatore. Nella giurisprudenza intermedia l'applicazione di quel principio diè luogo a innumerevoli litigi, i quali dimostravano che l'acuto concetto dei giureconsulti romani mal rispondeva alle esigenze della pratica. E su questa considerazione i compilatori del Codice Napoleonico scrissero la disposizione dell'art. 1021, che dichiara nullo il legato della cosa altrui, abbia o no saputo il testatore che essa non gli apparteneva. Ma il rimedio è stato eccessivo; e per tale fu ben presto riconosciuto dalla dottrina e dalla giurisprudenza su quel Codice medesimo, siccome risulta dalle interpretazioni benigne fatte per sostenere le disposizioni che per indiretto avevano ad obbietto cose altrui. A tacere del Codice Austriaco, di fonte diversa dal Codice Napoleonico, il Codice Parmense ritornò sostanzialmente al principio romano, esigendo però che il testatore dichiari espressamente nell'atto testamentario che sapeva essere altrui la cosa che legava, affine di evitare i litigi sulla prova

della sua scienza, a norma del Diritto Romano. Il progetto del Codice Albertino, che conteneva disposizione identica a quella del Codice Napoleonico, fu modificato nel senso medesimo ed al medesimo intento, "per evitare, cioè, le troppo frequenti ed intricate quistioni della scienza od ignoranza del testatore";

Mill-Annotazzjonijiet ta' Sir Adrian Dingli dwar iż-żewġ artikoli fuq imsemmija tal-Liġi Maltija, jidher ċar li l-leġislatur malti kellu quddiemu, għal skop ta' konfront, meta rrediġa l-istess artikoli, id-dispożizzjonijiet tal-Codice Siculo, ta' dak Parmensi, tal-Codice Ticinese, tal-Kodiċi Olandiż, tal-Kodiċi Franċiż, u tad-Dritt Ruman;

Issa, l-argument tal-appellant hu dan, illi, ċjoè, il-konvenuta jew, stante l-klawsola komminatorja tal-art. 12 tat-testment "de quo", tastjeni milli tinvoka n-nullità tal-legat, u kwindi tikkonvalidah billi tagħtieh eżekuzzjoni, jew, jekk ma tikkonvalidahx, allura taqa' fid-dekadenza u tieħu biss il-leġittima. Hu jsostni li dik in-nullità hi biss relattiva, u rilevabbli biss mill-persuna onerata bil-prestazzjoni tal-legat. Hu jsostni wkoll li l-konvenuta hi marbuta b'dik il-klawsola li għandha tirrispetta d-dispożizzjonijiet biha garantiti, basta dawn ma humiex kuntrarji għall-ordni publiku, jew ma jkunux jinvolvu xi kondizzjoni impossibbli, illeċita jew immorali, jew ma humiex kontra xi liġi ta' ordni publiku;

Ikkunsidrat;

Fin-nota tiegħu fol. 29 l-attur jiċċita l-Baudry-Lacantinerie u l-Laurent in sostenn tat-teżi tiegħu li, jekk l-onerat ma jirrispettax il-legat ta' ħaġa aljena, avvolja bla d-dikjarazzjoni rikjesta mill-liġi, allura jinkorri fid-dekadenza tal-klawsola penali, sakemm si tratta ta' nullità ta' interess privat, u mhux ta' ordni publiku;

Apparti li d-Dottrina Franċiża, stante d-diverġenza fuq rilevata tad-dispożizzjoni tal-Kodiċi Franċiż, bilfors hi orjentata diversament, għandu jingħad li fl-istess bran ċitat tal-Baudry (Donaz. e Test. Vol.I, p. 57, para. 141) jingħad li l-ġurisprudenza franċiża ma hijiex konkordi. Infatti, dan l-awtur jgħid "ad onta di qualche decisione contraria", u

jiċċita in nota, fost oħrajn, żewġ deċiżjonijiet f'mod partikulari (*nota no. 4*). Kwantu għall-Laurent, dan jagħti, fil-para. 485 Vol. XI, opinjoni li ssostni t-teżi tal-attur, eppure fl-istess paragrafu jagħmel riferenza għal sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni Franċiża, li biha saret distinzjoni bejn il-każ tal-eredi li jattakka d-dispożizzjoni u l-każ tal-eredi li jiddefendi ruħu biss, billi jirrifjuta li jirrilaxxja l-ħaġa legata. Il-Laurent ma jidherx li jaqbel ma' din id-deċiżjoni; iżda aktar tard, fil-paragrafi 488, 489 u 490, donnu jidher mhux kuntrarju għal xi deċiżjonijiet oħra tal-Qrati Franċiżi li minnhom jidher li f'każijiet simili l-ġudikant jista' jeżerċita diskrezzjoni dwar jekk l-att tal-onerat hux impunjazzjoni li ġġib dekadenza jew le, skond jekk il-kontestazzjoni tal-eredi jew onerat tkunx vessatorja u in mala fede jew le. Fil-para. 489 hemm aċċenn għal deċiżjoni tal-Qorti ta' Gand, fejn, in bażi għad-Dritt Franċiż antik, ġie adottat il-prinċipju li ma hemmx dekadenza jekk l-eredi li kkontesta d-dispożizzjoni kien in bwona fede;

Ir-Ricci (Corso — Vol. III, p. 778, nota (1) ) jidher li hu anki favur din id-distinzjoni (anzi mill-mod kif jesprimi ruħu donnu qiegħed jaċċenna għall-ġeneralità tad-dottrina taljana), u jillimita d-dekadenza għall-każ li fih l-impunjazzjoni tkun temerarja u vessatorja. Ċertament mhijiex temerarja, u lanqas vessatorja, oppożizzjoni li ssib il-bażi tagħha fuq id-dispost tal-liġi li jikkolpixxi b'nullità l-legat ta' ħaġa ta' ħadd ieħor meta ma ssirx fit-testment id-dikjarazzjoni meħtieġa skond il-liġi;

L-istess Ricci jidher li ma jsostnix id-dekadenza, jekk it-testatur, fid-dispożizzjoni li ried jiggarantixxi bis-sanzjoni, ma jkunx żamm ruħu fil-limiti tal-liġi. Infatti jgħid (ibidem, para, 345):— "Il testatore può, senza dubbio, prescrivere all'istituito di rispettare la sua volontà ed impedirgli di impugnare le sue disposizioni, purchè queste si contengano entro i limiti dalla legge stessa imposti alle facoltà del disponente";

Fil-Laurent (loc. ċit., p. 493) hemm riferenza għal sentenza tal-Qrati Franċiżi li rriteniet li l-penali ma hix in-

korsa "quando la contestazione ha un motivo legittimo". S'intendi, dan kollu evidentement ma jfisserx li l-onerat ma jistgħax jagħti validità jew almenu effikaċja lill-legat, billi volontarjament jeżegwieħ; imma din l-eżekuzzjoni volontarja hi ħaġa diversa mid-dekadenza, jekk ma jkunx irid jeżegwixxi l-legat;

Fil-Fadda (art. 837-838, para. 22) hemm riportata in sunto deċiżjoni li tgħid hekk:— "L'esecuzione volontaria rende valido il legato, nullamente fatto, della cosa altrui" (C. Palermo, 15 Giugno 1901, Finanze c. Bonura, Foro Sic. 1901, 407);

Però, kif ingħad, dan hu "fatt ġdid", li ma jistgħax jixħet dawl fuq il-kwistjoni tal-effett tal-kontestazzjoni. Kif jgħid il-Pacifici Mazzoni (għal każ simili, legat ta' ħaġa proprja tal-legatarju), "la volontà del testatore...... mancante od inefficace in principio, non viene in essere, nè diventa efficace per quel fatto che accade all'infuori d'ogni influenza del testatore medesimo......", ċjoè l-eżekuzzjoni volontarja mill-parti tal-onerat;

Ikkunsidrat;

Fil-fehma tal-Qorti, l-argumentazzjoni loġika u aċċettabbli tidher li hi din: It-testaturi kienu jafu, jew imisshom kienu jafu, li biex legat ta' ħaġa ta' ħadd ieħor jiġi sostnut jeħtieġ li jkun hemm id-dikjarazzjoni "in groemio testamenti" preskritta mill-liġi; ġa ladarba ma għamlux dik id-dikjarazzjoni, u peress li ma hux verosimili li huma riedu li l-legat ma jiswiex, wieħed għandu jikkonkludi li huma kienu jaħsbu li l-fond kien interament tagħhom; ċertament huma riedu jagħmlu dispożizzjoni valida; u la ma għamlux id-dikjarazzjoni, vwoldiri li ħasbu li l-ħanut kien tagħhom kollu, molto pjù li r-regola normali hi li t-testatur jiddisponi minn ħwejġu, u mhux anki minn ħwejjeġ ħadd ieħor;

Minn hekk tidher ferm assennata l-motivazzjoni tas-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla Qorti Ċivili, sedenti l-Imħallef Dr. Lorenzo Xuereb, fil-kawża "Nicosia vs. Barbara", 16 ta' Diċembru 1872, Vol. VI, p. 345, għap-propożitu tal-eċċezzjoni tal-konvenut f'dik il-kawża, li l-attriċi ma setgħetx timpunja l-volontà tat-testatur f'każ simili. Intqal

hekk: — "Attesochè, avendo il detto testatore disposto del menzionato fondo come sua assoluta proprietà, vi è luogo a ritenere che quando egli per caso avesse saputo che tale fondo non fosse suo, ma di altri, non avrebbe disposto del medesimo — 'forsitan enim si scivisset alienam rem esse, non legasset' — adunque l'attrice, facendo istanza che la menzionata disposizione sia dichiarata nulla e di nessun effetto, eseguisce ciò che il medesimo testatore avrebbe per avventura fatto se, dopo fatta quella disposizione, fosse venuto in cognizione che il fondo suddetto non fosse suo, ma di altri. Adunque l'attrice, anzichè impugnare e contraddire il fatto del suo autore, seconda ed eseguisce la volontà del medesimo testatore";

Del resto, il-klawsola komminatorja ma tistgħax tiġi estiża b'dan il-mod li jippretendi l-appellant. Jgħid a propożitu l-Pacifici Mazzoni, ibid. Vol. VII, p. 337: — "La condizione imposta all' erede di non molestare il legatario non può dirsi mancata per qualsiasi domanda che quegli promuova contra li legatario medesimo. Imperciocchè come ebbe a dichiarare la Corte Suprema di Torino, è conforme a ragione, ai principi generali di diritto, ed alla costante giurisprudenza, che in siffatte contingenze vuolsi distinguere tra domanda e domanda; e quindi non ritenere vietate quelle istanze promosse contro il legatario o suoi aventi causa che siano per loro natura ragionevoli, o che altrimenti, avendo fondamento nella legge stessa, vengano a costituire l'esercizio di un legittimo diritto". U dan l-awtur jiċċita in nota diversi deċiżjonijiet tal-Qrati;

Deċiżjoni tal-Qorti ta' Trani, mhux inkluża f'dawk li jsemmi in-nota l-Pacifici Mazzoni, tgħid hekk: — "Il divieto posto dal testatore di non insorgere contro le sue disposizioni testamentarie a pena di decadenza dalla disponibile o dai legati, non deve essere inteso in un senso assoluto e rigoroso, ma in un senso relativo; ossia di non insorgere se le disposizioni testamentarie fossero giuste e legali; perchè, se ingiuste, erronee, illegali, l'insorgimento contro le disposizioni testamentarie sarebbe l'eco della legge, e non

opposizione alla volontà paterna" (Coen, voce Successione, para. 1447);

Hemm lok anki għal din ir-riflessjoni. Id-dispożizzjoni tal-legat ta' ħaġa ta' ħadd ieħor hi bażata, fiż-żewġ ipotesijiet, fuq il-preżunta volontà tat-testatur (Pacifici Mazzoni, Vol. VI, paġ. 46). Jekk hu ma kienx jaf li l-ħaġa legata kienet, "in toto" jew in parti, ta' ħadd ieħor, allura hu loġiku li wieħed jgħid li in realtà hu ried iħalli biss dak li kellu hu; u għalhekk, fin-nuqqas ta' dikjarazzjoni, il-liġi trid li l-legat ma jiswiex, jew jiswa in parti, għax tippreżumi li t-testatur, kieku kien jaf, kien, jew ma jiddisponi xejn mill-oġġett, jew jiddisponi biss mill-parti tiegħu. Jekk, għall-kuntrarju, it-testatur jiddikjara li jaf li l-oġġett tal-legat ma hux tiegħu, "in toto" jew in parti, anki hawn si tratta ta' interpretazzjoni tal-volontà tiegħu, fis-sens li, ġa ladarba kien jaf, allura vwoldiri li l-volontà tiegħu kienet li jħalli l-legat ċjò non ostanti. Issa, kieku bħala effett tal-klawsola komminatorja fit-testment il-legat ta' ħaġa aljena kellu jiswa avvolja ma hemmx id-dikjarazzjoni tat-testatur, allura s-soluzzjoni tal-liġi dwar il-legat ta' ħaġa aljena kienet tiġi frustrata, għaliex il-validità jew nullità tal-legat ma tibqgħax bażata fuq il-preżunta volontà tat-testatur, f'sens jew f'ieħor skond jekk ma jagħmelx jew jagħmel id-dikjarazzjoni, imma l-legat ikun validu għal raġuni oħra, li ċjoè l-onerat ikun kostrett, minħabba d-dekadenza, jaċċetta bħala effikaċi legat magħmul kontra l-liġi. Din hija kontinġenza li ma tantx tirrakkomanda ruħha għall-loġika ġuridika;

Jista' anki jiżdied li l-attur jammetti li l-komminatorja tad-dekadenza ma tistgħax topera biex iżżomm sħieħa dispożizzjoni tat-testatur li tkun kontra materja ta' ordni publiku; u jkompli jgħid li d-dispożizzjoni dwar il-legat ta' ħaġa ta' ħadd ieħor hi merament ta' interess privat. Issa, hu ferm dubbjuż, meta wieħed josserva l-iżvilupp ta' din id-dispożizzjoni, jekk hijiex għal kollox ta' interess privat. Infatti id-dottrina, li tikkommenta dispożizzjoni simili għal tagħna, tgħid li l-liġi "...... esige che questa scienza sia espressa nel testamento per evitare le liti difficili e dispendiose, cui si andrebbe incontro per provare la scienza od

inscienza del testatore che la cosa da lui legata apparteneva ad altri" (Ricci — Corso, Vol. III, p. 809). U dispożizzjoni ntiża sabiex jiġu evitati litiġi ma tistgħax tissejjaħ għal kollox ta' interess privat; għaliex l-iskop li jiġu sopiti liti hu skop ta' interess publiku. Barra minn hekk, fid-dispożizzjoni in parola, jekk wieħed jirrifletti sewwa, hemm imposta ċerta "forma" bħala prova, il-forma tad-dikjarazzjoni li toħroġ mhux "aliunde", imma "ex visceribus testamenti"; u l-impożizzjoni ta' mezz probatorju hi aktarx ta' indoli publika milli privata. Tant illi sentenza tal-Prim'Awla Ċivili ("Spiteri vs. Azzopardi", 31 ta' Jannar 1901, Kollez. Vol. XVIII-I-19) użat, f'wieħed mill-konsiderandi, il-kliem: — "Trattandosi di Leggi di Procedura, che hanno per oggetto l'ordine pubblico mediante un convenzionalismo di forma......"; u din id-dispożizzjoni, għalkemm mhix fil-Kodiċi tal-Proċedura, qegħedha timponi proċeduralment fit-testment il-konvenzjonaliżmu tad-dikjarazzjoni fl-istess testment bħala prova "sine qua non";

Hemm sentenza oħra tal-istess Qorti, "Camilleri vs. Vassallo", 3 ta' Gunju 1890, Vol. XII, p. 471, li tmiss żewġ punti mportanti dwar il-punt involut f'dan l-appell. L-atturi kienu azzjonaw lit-tfal tal-ewwel żwieġ ta' ċertu Michele Camilleri biex jiddikjarawhom dekaduti mill-laxxitu ta' porzjoni raba' li kien għamlilhom missierhom, it-testatur, bil-kondizzjoni li jeħduha per saldu ta' sehemhom mill-wirt, mentri dawn it-tfal kienu għamlu kawża għall-firmazzjoni u likwidazzjoni tal-assi. Fil-kors tal-motivazzjoni tas-sentenza, li biha ġiet miċħuda t-talba għad-deklaratorja tad-dekadenza, dik il-Qorti qalet li "i figli di primo letto di Michele Camilleri nel giudizio di firmazione e liquidazione dell'asse sociale fecero valere i diritti che loro competevano" — kliem li jfakkru dawk tas-sentenza ċitata "quando la contestazione ha un motivo legittimo". Il-Qorti qalet ukoll, fuq l-awtorità tal-Brunemann fil-komment tiegħu għad-Dritt Ruman, li "quando non valet dispositio non subsistit etiam conditio poenalis, ne per indirectum concedatur quod directe est prohibitum". U appuntu, kieku kellha tiġi akkolta t-teżi sostnuta mill-attur, jiġri

dan; għax allura, dak li hu direttament projbit (li ċjoè legat ta' ħaġa ta' ħadd ieħor ma għandux jiswa bla dik id-dikjarazzjoni), jiġi ndirettament sanzjonat (bir-rimedju tal-minaċċja tad-dekadenza);

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-appell tal-attur, bl-ispejjeż tal-appell kontra tiegħu, u tordna li l-proċess jiġi rinvijat lill-Qorti "a qua".